Storja 1:

Katya kienet tifla ġdida fil-klassi ta' Sharon. Sharon marret tilgħab magħha fil-break u Katya tgħidx kemm ħadet pjaċir. Sharon insiet il-ħbieb l-oħra kollha u dejjem kienet tilgħab ma' Katya, għax Katya kienet tgħidilha li t-tfal l-oħra jtellfuhom jekk joqogħdu jilagħbu magħhom.

Darba, fil-break, lil Sharon laqtitha tifla. Katya qaltliha 'Mur imbuttaha bħalma għamlet lilek'. Sharon waqfet ftit u qaltilha, 'U le. Dik laqtitni.'

Katya qaltlilha, 'X'laqtitek! Dik apposta! Mur imbuttaha ħalli darboħra ma terġax tagħmillek hekk.' Sharon obdietha iżda l-għalliema ratha u rrabjat magħha u qaltlilha li ma kellhiex tagħmel hekk għax it-tifla l-oħra laqtitha. Sharon irrabjat għax kien tort ta' Katya. Katya ratha ġejja rrabjata u qaltlilha, 'Mhux int ħallejt lit-teacher tarak!'